# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 25 ta' Frar 2019**

**Numru 3**

**Rikors numru 223/09 SM**

**Maresco Trading Limited (C16709)**

**v.**

**MF Holdings Co. Limited (C3573)**
**gia Mike Farrugia Contractors Limited**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell ad istanza tas-socjeta` konvenuta mis-sentenza tat-30 ta' Jannar 2014 moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili, li permezz tieghu qed titlob lil din il-qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta` attrici appellata.

2. Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti qeghda tigi hawnhekk riprodotta fl-intier taghha:

1.0. "Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-4 ta' Marzu, 2009, li permezz tieghu tramite r-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti, sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1 "Illi inghatat subappalt mis-socjeta` ntimata biex tforni materjal u taghmel xoghlijiet fi progett ghall-izvilupp ta' l-ispizerija "*Mangion Pharmacy*", Birkirkara;

1.2 "Illi nonostante li s-socjeta` rikorrenti ezegwiet ix-xoghlijiet skont il-ftehim pattwit, is-socjeta` intimata baqghet ma hallsitx il-bilanc ta' wiehed u ghoxrin elf, erba' mija u sebgha u tmenin Ewro, (€21,487.00), kif indikat fil-prospett in atti, (ara fol 4);

1.3 "Illi nonostante wkoll li s-socjeta` intimata giet debitament interpellata biex thallas l-ammont fuq indikat lis-socjeta` rikorrenti, hi baqghet inadempjenti u minflok offriet somma inferjuri li ma tirrikonoxxi l-ebda imghaxijiet;

1.4 "Illi konsegwentement is-socjeta` rikorrenti kellha tadixxi din il-qorti biex is-socjeta` intimata jkollha l-opportunita` tirrispondi ghat-talbiet segwenti minnha mressqa lil din il-qorti, fejn giet ghalhekk mitluba:

"1.4.1 Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' wiehed u ghoxrin elf, erba' mija u sebgha u tmenin Ewro, (€21,487.00), ammont bilancjali minn somma akbar, ghas-subappalt fuq premess;

1.4.1 "Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data li l-pagament kien dovut;

"2.0 Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata datata s-7 ta' Mejju, 2009, li permezz taghha l-istess socjeta` sintetikament irrispondiet is-segwenti:

"2.1 Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma infondati;

"2.2 Illi ghalhekk l-istess talbiet imsemmija fil-paragrafu precedenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

"2.3 Illi l-ammont mitlub mill-istess socjeta` rikorrenti mhux dovut;

“2.4 Illi s-socjeta` rikorrenti ghandha tissottometti rendikont tal-ammont minnha mitlub stante li dan ma jirrizultax li sar fid-dokument in atti a fol 4;

“2.5 Illi jidher li s-socjeta` rikorrenti qed titlob imghax fuq imghax;

“2.6 Ili *di piu`*, is-socjeta` rikorrenti kienet iffirmat dikjarazzjoni li irceviet is-somma ta’ elfejn sitt mija u zewgt Liri Maltin u tmienja u tletin centezmu, (LM2,602.38), ghas-saldu ta’ kull pretensjoni li kellha fil-konfront tas-socjeta` intimata;

“2.7 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

“3. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat is-17 ta’ Gunju, 2009, li permezz tieghu hatret assistent gudizzjarju hemm indikat, (ara fol 15);

“4. Rat in-nota tar-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali datata t-3 ta’ Jannar, 2012, li permezz taghha annetta l-inkartament lilu mghoddi mill-assistent gudizzjarju riferit fil-paragrafu precedenti, (ara fol 35);

“5. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` rikorrentidatat it-3 t’April, 2012, li permezz tieghu fil-prezenza tal-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` intimata, informa lill-qorti li s-socjeta` intimata kienet hallset il-kapital minnha dovut skont is-subappalt *de quo* u li issa kien jonqos biss li jithallsu l-imghaxijiet dovuti, (ara fol 55);

“6. Rat id-digriet datat l-24 ta’ Mejju, 2012, fejn il-kawza giet differita ghall-provi tas-socjeta` intimata rigwardanti l-ispejjez u imghaxijiet dovuti, (ara fol 56);

“7. Rat il-verbal datat it-28 ta’ Mejju, 2013, li permezz tieghu, wara li l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet talbu li jitrattaw il-kawza bil-modalita` hemm indikata, iddifferiet il-kawza ghat-trattazzjoni orali finali, (ara fol 129);

“8. Ezaminat ix-xhieda u affidavidijiet prodotti;

“9. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

“10. Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tas-socjetajiet kontendenti rispettivament datati l-5 t’Awwissu, u t-30 ta’ Settembru, 2013, (ara fol 136 u 142);

“11. Semghet it-trattazzjoni finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-artijiet;

“**Ikkunsidrat:**

“12.0 Illi in vista tal-verbal tal-istess abbli rapprezentanti legali tas-socjeta` rikorrenti datat it-3 t’April, 2012, fuq gia` indikat, (ara paragrafu numru hamsa (5) aktar qabel), fejn irrileva li s-socjeta` intimata kienet hallset il-kapital minnha dovut u li issa l-vertenza kienet limitata ghad-decizjoni dwar l-ispejjez tal-procedura u dwar l-imghaxijiet dovuti, tirrileva li nonostante l-ewwel paragrafu tal-istess nota tas-socjeta` rikorrenti, il-vertenza odjerna hi issa limitata ghall-epurazzjoni tas-segwenti kwistjonijiet hekk gia` rilevati mill-istess socjeta` rikorrenti kif fuq intqal;

“12.1 Decizjoni dwar l-ispejjez;

“12.2 Decizjoni dwar l-imghaxijiet li jistghu jkunu dovuti mill-istess socjeta` intimata stante li din ghazlet li thallas il-kapital fil-mori tal-kawza;

“**Ikkunsidrat:**

“13.0 Illi l-fatti in dizamina jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

“13.1 Illi s-socjeta` intimata dahlet f’kuntratt ta’ subappalt mas-socjeta` rikorrenti rigwardanti forniment u stallazzjoni ta’ apparat tal-arja kondizzjonata;

“13.2 Illi wara bdil fil-pjanijiet tal-appaltatur principali, is-socjeta` intimata ordnat lil dik rikorrenti biex tieqaf mix-xoghlijiet li kienet qed tezegwixxi;

“13.3 Illi nonostante dan, aktar tard l-istess socjeta` intimata regghet talbet lil dik rikorrenti biex tittermina x-xoghlijiet li kienu gew mibdija fl-istess subappalt;

“13.4 Illi stante li l-intermizzjoni tas-subappalt kien wiehed unilaterali, is-socjeta` rikorrenti kienet gia` ikkuntrattat xoghlijiet ohra u ghalhekk it-termini involuti ma setghux ikunu kif originarjament pattwit;

“13.5 Illi ghalhekk, ix-xoghlijiet involuti kienu ovvjament waqghu lura – izda dan, bl-ebda mod ma’ jista’ jigi imputat lis-socjeta` rikorrenti;

“13.6 Illi ghalhekk inholoq dizgwid bejn il-kontendenti fejn nonostante diversi sforzi biex jigu superati l-problemi sussegwenti naxxenti mill-interuzzjoni tax-xoghol fuq indikata, is-socjeta` rikorrenti kienet kostretta tipprocedi bil-kawza odjerna ghall-ammont lilha dovut mis-socjeta` intimata, inkluzi l-ispejjez u l-imghaxijiet dovuti lilha skont il-ligi;

“13.7 Illi nonostante li s-socjeta` intimata ikkostringiet lil dik rikorrenti biex tinizja l-procedura odjerna biex tittutela d-drittijiet taghha billi originarjament kienet irrifjutat thallasha l-ammont lilha minnha dovut, ghazlet li taghmel proprju hekk fil-mori tal-kawza, (ara fol 55);

“**Ikkunsidrat:**

“14.0 Illi ghalhekk ghall-ekonomija tal-gudizzju, ghandu jkun pacifiku li s-socjeta` intimata kienet il-kawza principali tal-procedura odjerna, u dan billi:

“14.1 Kienet hi li tat is-subappalt *de quo* lis-socjeta` rikorrenti;

“14.2 Kienet hi li ssospendiet l-operat tal-istess socjeta` rikorrenti;

“14.3 Kienet hi li regghet ordnat lill-istess socjeta` rikorrenti biex tirriprendi x-xoghlijiet involuti u tikkonkludihom;

“15. lli l-allegat nuqqasijiet fix-xoghlijiet ezegwiti mis-socjeta` rikorrenti kif allegat minn dik intimata ma jregghux stante li gie verbalizzat fil-prezenza tal-istess abbli rapprezentant legali tal-istess socjeta` intimata, li din kienet hallset l-ammont minnha dovut lis-socjeta` rikorrenti kif mitlub;

“16. Illi pero` jirrizulta li dan il-pagament sar biss wara diversi tentattivi ta’ ftehim fir-rigward qabel ma giet inoltrata l-procedura odjerna, u wara tlett (3) snin minn meta kienet giet inoltrata l-procedura odjerna;

“**Ikkunsidrat:**

“17. Illi rigward l-interessi rikjamati mis-socjeta` rikorrenti dawn jirrizultaw debitament elenkati fil-prospett anness mar-rikors guramentat promotur li l-istess socjeta` intimata liberament ghazlet li thallas il-kapital li fuqu dan l-istess interess gie mahdum;

“18. Illi ghalhekk jidher inutili li dan il-pagament tal-interess jigi kkontestat, stante li l-kapital li fuqu dan l-interess gie mahdum, kien gie liberament accettat u mhallas mill-istess socjeta` intimata li ghalhekk ma tistax f’dan l-istadju issa tiddistakkah u tirripudjah – stante li huma haga wahda billi l-interessi rikjamati huma direttament naxxenti mill-istess kapital li gie accettat u imhallas mis-socjeta` intimata fil-mori tal-kawza;

“**Ikkunsidrat:**

“19. Illi l-allegat interessi *ultra duplum* ma gewx debitament ipprovati mis-socjeta` intimata;

“**DECIDE:**

“20.0 Illi konsegwentement, tenut kont tas-suespost, din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti ippruvat il-kaz taghha skont il-ligi u allura, in vista tal-premess:

> "20.1 Tiddikjara li s-socjeta` intimata *MF Holdings Co. Limited* hi debitrici tas-socjeta` rikorrenti *Marsco Trading Limited* fl-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf, erba' mija u sebgha u tmenin Ewro, (€21,487.00);
>
> "20.2 Tikkundanna lill-istess socjeta` intimata fuq indikata biex thallas is-somma hekk likwidata fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti fuq ukoll riferita;
>
> "20.3 Bl-ispejjez kif dedotti fir-rikors guramentat promotur u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data li l-pagament kien dovut sad-data tal-effettiv pagament".

**<u>Rikors tal-appell tas-socjeta` konvenuta appelata</u>**

3. <u>L-aggravji taghha huma s-segwenti:</u>

**a.** Li l-ewwel Qorti zbaljat meta inkludiet is-somma ta' 6062 euros bilanc tal-kapital originali liema somma kienet gia thallset**.**

b. Li l-konkluzjonijet li waslet ghalihom l-istess Qorti kienu zbaljati.

c. Li minkejja li x-xoghol in kwistjoni intemm f'Dicembru 2003, l-imghaxijiet gew ikkalkolati sa minn Marzu 2002.

d. Li l-appellati talbu imghaxijiet ta' imghaxijiet, haga mhux ammessa skont il-ligi.

4. Is-socjeta` konvenuta kkoncediet l-ewwel aggravju izda kkontestat l-ohrajn. Irid jinghad li mar-risposta taghha ghal appell, l-

istess socjeta` esebiet prospett ulterjuri dwar is-somma allegatament dovuta; ghal dan opponiet l-appellanti permezz tal-verbal tat-3 ta' Dicembru 2018. Madankollu ma jidhirx li ma' dan id-dokument zdied xi element li ma kienx gia a konjizzjoni tal-Qorti u ghalhekk din il-Qorti fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni taghha se thalli dan id-dokument fl-atti.

**Sfond:**

5. Is-socjeta` attrici intavolat din il-kawza ghall-hlas ta' xoghlijiet imwettqa minnha ghal sub appalt koncess mill-konvenuta. Jirrizulta li s-somma ta' Lm2602, 39c kienu thallsu kwindi jirrizulta ukoll li s-sorte thallset. Il-kwistjoni kwindi hija fuq l-ammont ta' imghaxijiet effettivament dovuti mill-appellanti.

*L-ewwel aggravju.*

6. Kif gia inghad, dwar l-ewwel aggravju ma hemmx kwistjoni u l-partijiet jaqblu li sar zball mill-ewwel Qorti. Biss l-appellata tghid li ma kienitx hi li induciet lill-Qorti tiehu l-izball u ghalhekk ma ghandiex tbati spejjez fir-rigward.

7. Jirrizulta fil-fatt li dan l-ammont thallas fil-mori tal-kawza u ghalhekk fil-mument li giet intavolata, dan l-ammont kien effettivament dovut. Minn

ezami tal-process ma jidhirx illi l-appalleta ghamlet xi haga biex tinduci lill-Qorti tiehu dan l-izball. Ghalhekk fil-waqt li dan l-aggravju se jkun akkolt l-ispejjez fir-rigward ikunu spartiti indaqs ghaliex kien zball tal-Qorti u "error judicis error partis" (ara per ezempju s-sentenza fl-ismijiet **Scicluna noe v. Felice**, Appell Civili , 20 ta' Frar 1997).

*It-tieni aggravju*

8. Kif inghad, fit-tieni aggravju taghha l-appellanti tghid li l-ammont ta' imghaxijiet ikkalkolati mill-ewwel Qorti (15,425 euros) kien mahdum fuq il-bilanc ta' 6,062; ghalhekk ladarba dan gie mhallas fil-mori tal-kawza, dejjem skont l-ewwel Qorti, hija ma setghetx imbaghad tikkontesta s-sommata' 15, 425 euros imghaxijiet. Izda skont l-appellanti, l-imghax kellu jinhadem biss semmai fuq dak il-bilanc li thallas eventwament (6,062) u mhux fuq is-somma kollha.

9. Dan l-aggravju huwa manifestament infondat. Ibda biex huwa inkoncepibbli kif l-ewwel Qorti setghet tiehu zball daqshekk grossolan li tikkalkula imghax ta' aktar minn 15,000 euro fuq bilanc ta' sitt elef euro li oltre dan kien thallas fil-mori tal-kawza u allura l-perjodu li fuqu inhadem kien ta' ftit snin. Oltre dan jirrizulta mill-provi li l-pagamenti mill-appellanti saru konsistentement tardivament u allura dan qatt ma seta' kien il-hsieb tal-ewwel Qorti.

Dan l-aggravju kwindi hu infondat u ma hemmx lok ghal aktar kliem fuqu.

*It-tielet aggravju*

10. It-tielet aggravju huwa fis-sens li skont l-appellanti, ix-xoghol in kwistjoni tlesta f'Dicembru 2003, u minkejja li r-retention money gie rilaxxat f'Jannar 2005, l-appellata qeghda tikkalkola l-ammont sa minn Marzu 2002 u dan meta dakinhar anqas minn nofs ix-xoghlijiet kienu lesti. F'dan l-aggravju l-appellanti tistrieh hafna fuq id-deposizzjoni tal-inginier Bonett (inkarigat mill-klijenti) li dejjem skont l-appellanti qal li d-dewmien kien l-aktar dovut lill-appellata. L-appellata minn naha taghha tichad dan.

11. Minn ezami tal-provi, jidher li ghalkemm kien hemm dewmien, parti zghira hafna minnu kien dovut lill-appellata; fil-fatt l-istess inginier Bonett qal li kien hem dewmien ta' natura generali u f'mument minnhom l-istess appellanti kienet waqqfet ix-xoghol fuq struzzjonijiet tal-klijenti taghha fil-progett. Infatti huwa kien iddikjara f'ittra fl-2002 li "it is a fact that the works were put on hold by our client and that we are not in a position to continue the contracted works uninterruptedly".

12. Dan l-aggravju huwa ghalhekk michud ukoll.

*Ir-raba' aggravju*

13. L-ahhar aggravju huwa li s-socjeta` appellata kkalkolat imghax fuq imghax u *din mhijiex prassi legali*.

14. Minn ezami tad-dokumenti ma jidhirx li dan kien il-kaz, u dan apparti l-fatt li fir-rikors tal-appell taghha l-appellanti ma indikatx fejn kienet din il-komputazzjoni ta' imghax fuq imghax.

**Konkluzjoni**

15. Ghalhekk in succinct l-appell jishoqqlu jigi milqugh biss billi titnaqqas is-somma ta' 6,062 mill-ammont likwidat mill-ewwel Qorti. L-ispejjez ghandhom ikunu ghalhekk spartiti approssimattivament skont l-ammont li se jigi ordnat il-hlas tieghu minn din il-Qorti u allura 6/21 mill-appellata u 15/21 mill-appellanti.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell billi tilqhu limitatament billi tnaqqas l-ammont dovut u allura li ghandha thallas is-socjeta` appellanti lil dik appellata ghas-somma ta' 15,425 euros u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors guramentat; l-ispejjez taz-zewg istanzi jinqasmu hekk; 6/21 a kariku

tas-socjeta` attrici appellata, u l-kumplament 15/21 a kariku tas-socjeta` konvenuta appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb